

31976L0207

L 39/40

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.2.1976

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tad-9 ta' Frar 1976****dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol**

(76/207/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-Kunsill, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 1974 dwar programm ta' azzjoni soċjali ⁽³⁾, daħħal fost il-prijoritarjet azzjoni bl-iskop li tintlaħaq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi u taħriġ professjonali u promozzjoni u rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol inkluża l-paga;

Billi, fir-rigward tal-paga, il-Kunsill fl-10 ta' Frar 1975 adotta d-Direttiva 75/117/KEE dwar it-tqarrib tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqg għall-irġiel u n-nisa ⁽⁴⁾;

Billi tidher meħtieġa wkoll azzjoni tal-Komunità biex tilħaq il-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għal impjiegi u taħriġ professjonali u l-promozzjoni u l-kondizzjonijiet l-oħra tax-xogħol; billi, it-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa jikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet tal-Komunità, inkwantu l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol waqt li jinżamm it-titjib tagħhom għandu fost l-oħrajn jitmexxa 'il quddiem; billi t-Trattat ma jagħtix il-poteri speċifiċi meħtieġa għal dan l-iskop;

Billi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali fi ħwejjeġ ta' sigurtà soċjali għandhom jiġu żgurati permezz ta' strumenti li jiġu wara,

L-Artikolu 1

1. L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li jdaħħal fis-seħħ fl-Istati Membri l-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għall-impjiegi, inkluża l-promozzjoni, u taħriġ professjonali u għal dak li għandu x'jaqsam ma' kondizzjonijiet tax-xogħol u, skond il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, sigurtà soċjali. Minn issa 'l quddiem dan il-prinċipju jissejjaħ "il-prinċipju tat-trattament ugwali."

2. Bil-għan li jiżgura l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali fi ħwejjeġ ta' sigurtà soċjali, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, ser jadotta dispożizzjonijiet li jiddefinixxu s-sustanza, l-iskop u l-arranġamenti biex jiġi applikat.

L-Artikolu 2

1. Għall-iskopijiet tad-dispożizzjonijiet li ġejjin, il-prinċipju tat-trattament ugwali jfisser li m'għandu jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni minħabba sess kemm direttament kif ukoll indirettament, speċjalment billi ssir referenza għall-istat maritali jew tal-familja.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri jeskludu mill-qasam ta' l-applikazzjoni tagħha dawk l-attivitajiet ta' xogħol u, fejn hu xieraq, it-taħriġ li jwassal għalihom, li għalihom, minħabba l-istess natura tagħhom jew il-kuntest li jsiru fihom, is-sess tal-ħaddiem jikkostitwixxi fattur determinanti.

3. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet rigward il-ħarsien tan-nisa, speċjalment dwar it-tqala u l-maternità.

4. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal xi miżuri li jmxexxu 'l quddiem l-oportunitajiet indaqg għall-irġiel u n-nisa, speċjalment billi jneħħu xi inugwaljanzi li jeżistu li jaffettwaw l-oportunitajiet tan-nisa fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1(1).

⁽¹⁾ ĠU C 111, ta' l-20.5.1975, p. 14.

⁽²⁾ ĠU C 286, tal-15.12.1975, p. 8.

⁽³⁾ ĠU C 13, tat-12.2.1974, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 45, tad-19.2.1975, p. 19.

L-Artikolu 3

1. L-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali jfisser li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni minħabba s-sess fil-kondizzjonijiet, inklużi l-kriterji tal-għażla, għall-aċċess għall-impjiegi kollha jew postijiet, ikun x'ikun is-settur jew il-qasam tal-attività, u għal-livelli kollha tal-ġerarkija tax-xogħol.

2. Għal dan l-iskop, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li:

- (a) il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi kollha li huma kuntrarji għall-prinċipju tat-trattament ugwali għandhom jitneħħew;
- (b) id-dispożizzjonijiet kollha kuntrarji għall-prinċipju tat-trattament ugwali li huma mdaħħla fi ftehim kollettiv, kuntratti individwali tax-xogħol, regolamenti interni ta' impriżi jew fregoli li jirregolaw l-impjiegi indipendenti u professjonijiet għandhom, jew jistgħu jiġu ddikjarati, nulli u bla effett jew jistgħu jiġu emendati;
- (c) dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li huma kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali meta t-tħassib għall-protezzjoni li nebbhithom oriġinarjament m'għadx għandha bażi soda għandhom jiġu riveduti; u li fejn dispożizzjonijiet bħalhom huma mdaħħla fi ftehim kollettiv il-ħaddiema u d-direzzjoni għandhom jintalbu li jagħmlu r-reviżjoni mixtieqa.

L-Artikolu 4

L-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-aċċess għat-tipi kollha u għal-livelli kollha ta' tmexxija professjonali, taħriġ professjonali, taħriġ professjonali avanzat u taħriġ mill-ġdid, tfisser li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li:

- (a) il-liġijiet kollha, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali jitneħħew;
- (b) id-dispożizzjonijiet kollha li jmorru kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali li huma mdaħħla fi ftehim kollettiv, kuntratti individwali ta' xogħol, regolamenti interni ta' l-impriżi jew regolamenti li jirregolaw ix-xogħol indipendenti u l-professjonijiet huma, jew jistgħu jiġu ddikjarati, nulli u bla effett jew jistgħu jiġu emendati;
- (c) mingħajr preġudizzju għal-libertà mogħtija fxi Stati Membri lil xi stabbilimenti privati ta' taħriġ, it-tmexxija professjonali, taħriġ professjonali, taħriġ professjonali avanzat u taħriġ mill-ġdid jintlaħaq fuq il-bażi ta' l-istess kriterji u fuq l-istess livelli mingħajr diskriminazzjoni minħabba s-sess.

L-Artikolu 5

1. L-applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għal dak li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-kondizzjonijiet li jirregolaw is-sensji, tfisser li l-irġiel u n-nisa għandhom ikunu garantiti l-istess kondizzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni minħabba s-sess.

2. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li:

- (a) il-liġijiet kollha, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jmorru kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali jitneħħew;
- (b) id-dispożizzjonijiet kollha li jmorru kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali li huma inklużi fi ftehim kollettiv, kuntratti individwali ta' xogħol, regolamenti interni ta' impriżi jew regolamenti li jirregolaw ix-xogħol indipendenti u l-professjonijiet huma, jew jistgħu jiġu ddikjarati, nulli u bla effett jew jistgħu jiġu emendati;
- (c) dawk il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jmorru kontra l-prinċipju tat-trattament ugwali meta it-tħassib għall-protezzjoni li oriġinarjament nebbhithom m'għadx għandha bażi soda huma riveduti; u li fejn hemm dispożizzjonijiet bħalhom imdaħħla fi ftehim kollettiv il-ħaddiema u d-direzzjoni għandhom jintalbu jagħmlu r-reviżjoni mixtieqa.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-sistema legali nazzjonali tagħhom dawk il-miżuri li jenħtieġu biex il-persuni kollha li jqsu li sarilhom xi tort bin-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali skond it-tifsira ta' l-Artikoli 3, 4 u 5, ikunu jistgħu ikomplu t-talbiet tagħhom permezz ta' proċedura ġudizzjarja wara li jkunu possibilmint irrikorrew għand l-awtoritajiet kompetenti l-oħra.

L-Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iħarsu lill-impjegati minn tkeċċija minn min iħaddimhom bħala reazzjoni għal xi lment fl-impriża jew minn xi proċeduri legali li jkollhom l-għan li jinfurzaw konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali.

L-Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li d-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva, flimkien ma' dispożizzjonijiet rilevanti li huma diġà fis-seħħ, jinġiebu għall-attenzjoni ta' l-impjegati bil-mezzi kollha xierqa, per eżempju fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

L-Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jinfurzaw il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jiġu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 30 xahar min-notifika tagħha u għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Madanakollu, għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ewwel parti ta' l-Artikolu 3(2)(c) u l-ewwel parti ta' l-Artikolu 5(2)(c), l-Istati Membri għandhom jagħmlu sħarriġ preliminari u jekk hemm bżonn reviżjoni preliminari tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fihom fi żmien erba' snin min-notifika ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom minn żmien għall-ieħor jivvalutaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) biex jiddeċiedu, fid-dawl ta' l-iżviluppi soċjali, jekk hemmx xi ġustifikazzjoni biex jinżammu l-esklużjonijiet konċernati. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' din il-valutazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jgħaddu wkoll lill-Komunità it-test oriġinali tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jadottaw fil-qasam li jaqa' taħt din id-Direttiva.

L-Artikolu 10

Fi żmien sentejn mill-għeluq tal-perjodu ta' 30 xahar imniżżel fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1), l-Istati Membrighandhom jgħaddu l-informazzjoni kollha meħtieġa

lill-Kummissjoni biex jippermettulha tfassal rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva li jintbagħat lill-Kunsill.

L-Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Frar 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

G. THORN